**QORTI CIVILI**
**(SEZZJNI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 24 ta' Ottubru, 2017

Rikors Guramentat numru : 269/2010 AL

**A B C**

Vs

**D B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi l-partijiet izzewgu fit-3 ta' Dicembru 1999 u kienu infirdu legalment permezz ta' sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fl-24 ta' Gunju 2004 (kopja annessa). Dak iz-zmien, il-partijiet kellhom tifel jismu T li kien twieled fit-3 ta' Lulju 1998.

2. Illi ftit xhur wara d-data tas-sentenza msemmija, l-partijiet irrikonciljaw u fil-fatt twieldu zewgt itfal ohra - J L li

twieldet fit-13 ta’ Novembru 2004 u S J li twieldet fit-2 ta’ Settembru 2006.

3. Illi mid-data tas-sentenza msemmija iktar ‘l fuq, il-partijiet ma akkwistaw l-ebda proprjeta` immobbli flimkien.

4. Illi d-dar matrimonjali li ggib l-indirizz 11, St. Jseph, Triq Leone, Sliema hija proprjeta ta’ missier l-esponenti u l-konvenut diga’ ilu li ivvaka mill-istess fond minn Marzu tas-sena 2009.

5. Illi l-konvenut rrenda ruhu hati versu l-attrici ta’ adulterju, sevizzi, eccessi u ingurji gravi.

6. Illi z-zwieg ta’ bejniethom tkisser irrimedjabilment tort unikament ta’ l-istess konvenut.

7. Illi minkejja li saru tentattiv sabiex jintlahaq ftehim bonarju anki tramite l-procedura ta’ medjazzJni, ma intlahaq l-ebda ftehim u l-attrici giet awtorizzata tiftah din il-kawza permezz ta’ rikors *ad hoc*.

8. Illi l-esponenti taf b’dawn il-fatti personalment.

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-firda personali bejn il-konjugi kontendenti minhabba htija unikament da parti tal-konvenut.

2. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri T, J L u S J f’idejn l-attrici.

3. Tifissa access ghall-intimat u tordna li l-access jigi ezercitat taht supervizJni.

4. Tordna lill-konvenut ihallas manteniment ghaliha u ghall-minuri fl-ammont iffissat u skond il-modalitajiet iffissati minn din l-Onorabbli Qorti.

5. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-disposizzJnijiet ta' l-Artikoli 48, 51, 53 u 54 tal-Kapitolu 16 *in toto* jew *in parte.*

6. Tiddikjara illi l-fond 11, St. Jseph, Triq Leone, Sliema m'ghandhiex titqies iktar bhala d-dar matrimonjali.

7. Tiddividi u tassenja lill-partijiet, l-assi mobbli li gew akkwistati mid-data tar-rikonciljazzJni u kontijiet bankarji f'ismijiet kongunti.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri kollha inkorsi mill-attrici kontra l-konvenut ingunt minn issa in subizzJni

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li *in forza* taghha eccepixxa: (fol. 22)

1. Illi l-esponent jaqbel li tigi pronunzjata s-separazzJni bejn il-partijiet izda mhux ghar-ragunijiet imputabbli lilu stante ghat-tkissir taz-zwieg kienet responsabbli unikament l-attrici li rrendiet ruhha hatja fil-konfront tal-intimat zewgha ta' adulterju servizzi, eccessi u ingurji gravi;
2. Illi b'referenza ghat-tieni talba l-esponent Jpponi li l-kura u kustodja tat-tlett itfal tal-partijiet tigi fdata f'idejn l-attrici u jissottometti li l-kura u kustodja ghandha tigi fdata f'idejn iz-zewg partijiet konguntivament.
3. Illi l-esponenti filwaqt li jaqbel li jigi stabilit hinijiet fejn iz-zewg geniturei jkollhom id-dritt li jezercitaw l-access ghall-minuri Jpponi li l-access tieghu jkun ezercitat taht supervizJni stante li ma hemm xejn li jiggustifika din it-talba maghmula mir-rikorrenti.
4. Illi b'referenza ghar-raba` talba l-esponenti Jpponi li jhallas manteniment ghar-rikorenti personalment u dan peress fl-ewwel lok hija kienet responsabbli ghal ksur taz-zwieg ta' bejn il-kontendenti u fit-tieni

lok tahdem *full-time* u sahansitra ghandha paga ahjar minn tal-esponent u hija kapaci tmanti lilha nfisha. Illi f'dak li jirrigwarda manteniment ghall-minuri l-esponenti ma Jpponiex li jhallas ghal tali manteniment skont il-mezzi u l-introjtu tieghu u tenut kont tal-fatt li l-introjtu tar-rikorenti huwa oghla minn dak tal-esponent.

5. Illi l-esponent Jpponi li jigu applikati kontrih s-sanzJnijiet kontemplati fil-ligi ghaliex ma huwiex hati tal-firda;
6. Illi hemm qbil dwar is-sitt talba b'riserva li l-esponent jzomm id-dritt li jithallas ghal kwalunkwe benefikati li saru fiz-zwieg f'din il-propjeta;
7. Hemm qbil dwar is-seba talba b'dan li d-djun tal-partijiet ghandhom ukoll jigu mhallsa a karigu taz-zewg partijiet;
8. Illi l-esponenti qed Jpponi ghall-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri.
9. Salv eccezzJnijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat l-affidavits kollha ppreżentati, u d-dokumenti magħhom annessi, kif ukoll id-dokumenti annessi mad-diversi rikorsi li ġew intavolati fil-mori tal-kawża. Rat id-diversi ritratti tal-minuri ulied il-partijiet kif ukoll diversi tpinġijiet minnhom magħmula, riżultati tal-eżamijiet tal-minuri, appuntamenti mediċi, konverżazzJnijiet traskritti.

Rat il-verbali, ix-xhieda prodotti u d-dokumenti minnhom esebiti fis-seduti miżmuma quddiem l-Assistenti Ġudizzjarji Dr. Margaret Mifsud u Dr. Anna Mallia. L-inkarigu ta' Dr. Anna Mallia ta' Assistent Ġudizzjarju ġie, permezz ta' digriet mogħti fl-udjenza tal-20 ta' Ġunju 2013[1], konvertit f'Perit Legali. Illi minkejja li żammet diversi seduti, Dr. Mallia ma lestietx rapport stante li f'dak l-istadju l-partijiet informawha li kienu ser jitransiġu, ħaġa li effettivament ma seħħitx.

[1] Fol. 1499

Rat is-sentenza fl-ismijiet A B C vs. D B, mogħtija minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta u ddatata l-24 ta' Ġunju 2004[2], fejn wara li għamlet il-konsiderazzJijiet tagħha, il-Qorti kienet diġa ppronunzjat il-firda personali bejn il-partijiet billi sabet lil D B ħati ta' moħqrija, eċċessi, sevizzi u minaċċi fil-konfront ta' martu u sabet lil A B C ħatja ta' adulterju;

Rat illi permezz ta' sentenza ppubblikata fis-7 ta' Frar 2014[3], it-Tribunal Ekkleżjastiku tal-Ewwel Istanza, fuq talba ta' D B, iddikjara ż-żwieġ bejn il-partijiet null minħabba f'nuqqas ta' diskrezzJni u/jew inabilita` li tassumi l-obbligazzJnijiet taż-żwieġ min-naħa tal-konvenuta. Rat illi permezz ta' sentenza mogħtija mit-Tribunal ReġJnali tat-Tieni Istanza fis-27 ta' Mejju 2015[4], is-sentenza tat-Tribunal tal-Ewwel Istanza ġiet ikkonfermata u għaldaqstant fit-30 ta' Mejju 2015 ingħata d-digriet ta' Eżekuttivita`għad-dikjarazzJni ta' nullita` taż-żwieġ.[5]

Rat in-noti ta' sottomissJnijiet tal-partijiet iddatati l-15 ta' Mejju 2017 u t-3 t'Awwissu 2017 rispettivament.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJNIJIET

Il-Qorti għandha quddiemha kawża ta' separazzJni personali bejn il-partijiet konjuġi B stante li huma rrikonċiljaw wara xi żmien mill-għoti tas-sentenza tas-separazzJni personali bejniethom, ġja ċċitata. Issir referenza għar-rikors promotur tal-attriċi li permezz tagħha telenka x'inhuma l-pretensJnijiet tagħha fil-kawża odjerna:

---

[2] Ċitazzjoni Numru 382/2003RCP, fol. 5

[3] Prot. No. 10.030 Nullitatis Matrimonii Xuereb – Mulvaney, kopja esebita fl-atti tar-rikors tal-konvenut tal-4 ta' Marzu 2014 u fol. 1963

[4] Fol. 2126

[5] Fol. 2125

- Tiddikjara li kwantu għar-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ, din għandha tingħata lill-intimat minħabba ħtijiet imputabbli unikament lilu;
- Għal dak li jirrigwarda l-minuri T, J L u S J , tikkontendi li għandha tiġi fdata bil-kura u l-kustodja tagħhom, fil-waqt li l-konvenut għandu jingħata aċċess taħt superviżJni;
- Rigward manteniment, titlob retta alimentarja kemm għaliha kif ukoll għal uliedha;
- Titlob l-applikazzJni tad-dispożizzJnijiet tal-Artikolu 48, 51, 52 u 53 tal-Kodiċi Ċivili fil-konfront tal-konvenut;
- Titlob lill-Qorti tiddikjara illi l-fond 11, St. Jseph, Triq Leone, Sliema ma titqiesx iktar bħala d-dar matrimonjali;
- Titlob id-diviżJni u l-assenjazzJni tal-mobbli akkwistati mid-data tar-rikonċiljazzJni;

1. **<u>Dwar ir-Responsabilita` għat-Tkissir taż-Żwieġ</u>**

L-attriċi tattribwixxi lil żewġha t-tortijiet tal-adulterju, s-sevizzi, l-eċċessi u l-inġurji gravi, bħala r-raġuni għall-isfaxxar taż-żwieġ tal-partijiet. Min-naħa tiegħu, il-konvenut filwaqt illi jaqbel illi ż-żwieġ tiegħu mal-attriċi reġa sfaxxa, dana seħħ stante tortijiet ta' adulterju, sevizzi, eċċessi u nġurji gravi mwettqa minn martu fil-konfront tiegħu.

<u>PROVI PRODOTTI</u>

Permezz tal-affidavit tagħha[6], ir**-rikorrenti** tirrakkonta kif ftit taż-żmien wara l-għoti tas-sentenza tas-separazzJni personali bejn il-partijiet, hija kienet aċċettat illi jerġgħu jagħtu ċans liż-żwieġ tagħhom u l-partijiet bdew jikkoabitaw flimkien f'dar mikrija fis-Siġġiewi. Kienu bdew tajjeb u l-attriċi iqabdet tqila bit-tieni wild tagħhom. Wara ftit taż-żmien, il-konvenut reġa beda Jħroġ u jdum barra, jmur lura d-dar fis-sakra, bit-traċċi ta' sperma fuq il-qalziet u marki tal-lipstick fuq il-qmis. Saħansitra beda jagħti fastidju lil oħt l-attriċi Yasmine. Il-konvenut wiegħdha illi ser

[6] Ara fol. 1879 tal-proċess et seq.

jinbidel u sakemm twieldet J L kien reġa sab impjieg fiss u kienu għaddejjin sewwa. Wara ftit tilef ix-xogħol u l-piż tal-għixien tal-familja reġa waqa' fuqha. Kellhom tarbija oħra iżda kienu jargumentaw spiss. *"He made me have sex with him in his own ways and threatened me if I did not".* Il-ġenituri tagħha tawhom il-permess imorru jirrisjedu f'dar ġewwa Tas-Sliema li kien wiret missierha, sabiex inaqqsulhom l-ispejjeż tal-kera. Sakemm irranġaw id-dar u daħlu jgħixu fiha, l-argumenti bejn il-partijiet tant eskalaw li bilkemm kienu jitkellmu. Il-konvenut reġa beda jagħti fastidju lil oħtha Yasmine. Lejl minnhom ħareġ għal bachelor's night u rritorna d-dar fis-7.00am fis-sakra. *"On his return at 7am, in a miserable state, totally drunk, he comes straight upstairs into bed, grabs me and insists on having sex. I refused and so he tore off my clothes. At that point I began shouting and asking him to leave and told him that the kids were up and that it as not appropriate. I shouted out to T to go outside with the girls. I managed to fight him off me. He was totally out of his senses. I got dressed and calmed down the kids. I went to check that the car was parked properly, given the state D was in. When I open the driver's door, a condom drops out. With rage I pick it up and dash home, chucking it in D's face. I confronted him with all I knew about Yasmine and the messages, again he did not deny any of it, like he did not deny the fact that he had sex with someone else that night either. I asked him to leave immediately."*

Fil-fatt huwa ħa ħwejġu u telaq lejn id-dar tal-ġenituri tiegħu fil-Furjana. Xorta waħda baqa' jeżerċita kontroll fuq l-attriċi billi kien isegwiha fuq il-post tax-xogħol fejn kien konstantament iċemplilha[7] u jibgħatilha l-messaġġi. Kien Jffrilha l-flus sabiex ikollha x'taqsam miegħu u kienet ġejja u sejra l-għassa tagħmillu r-rapporti. *"I felt that he took full control. Full control over my life, he was everywhere I was, I could feel him breathe over my shoulders."*

Il-verżJni tal-attriċi hija kkorraborata minn missierha **Cornelius C**[8]. Dana spjega kif il-konvenut ma kienx kapaċi jżomm xogħol

[7] Xi drabi, sittin darba f'ġurnata!!!, xiehda ta' Joe Attard, General Manager tal-Imperial Hotel, Sliema. Fol. 235
[8] Affidavit tiegħu fol. 1701

għal tul ta' żmien u kien ħafna drabi jispiċċa qiegħed, filwaqt illi bintu kienet taħdem b'ħafna ħin sahra biex tlaħħaq mal-ispejjeż ta' tliet uliedha. Huwa jirrakkonta l-aġir abbusiv tiegħu sa minn qabel l-ewwel separazzJni tagħhom, kemm kienet tħossha mhedda u mbeżża għax kien sikwit isegwiha. Jgħid li reġgħet irranġat miegħu minħabba il-pressJni kontinwa tiegħu u ħafna wegħdi li ser jitranġa.

Inoltre l-verżJni tal-attriċi hija kkoraborata wkoll min-noti tal-file tagħha mal-Aġenzija Appoġġ[9] Domestic Violence Unit, li jindikaw li kienet ilha tfittex l-għajnuna tagħhom sa minn Mejju 2002.

Il-fatt li l-konvenut m'huwiex kapaċi jżomm xogħol għal tul taż-żmien m'hijiex allegazzJni fiergħa tal-attriċi iżda huwa fatt ikkorraborat mill-employment history tal-konvenut[10] minn fejn jirriżulta li huwa jittermina x-xogħol wara ftit xhur, ġieli anke wara ftit jiem jew ġimgħat.

Fix-xiehda tiegħu[11], il-konvenut D B ikkonferma illi huwa għandu relazzJni ma' ċerta Claudia Lepre li kienet ukoll tgħix miegħu. Oltre, din ix-xiehda l-konvenut ma ppreżentax affidavit, u l-provi minnu prodotti kienu diretti lejn l-aspett tal-kura u l-kustodja ta' uliedu, iktar milli r-responsabilita` għat-tkissir taż-żwieġ. Għalkemm il-konvenut jallega li martu kienet qed tkun aggressiva fil-konfront tiegħu u li fit-2 t'Ottubru 2010 hija kkaġunatlu feriti ħfief kif jirriżulta miċ-ċertifikat mediku[12] minnu esebit.

## PRINĊIPJI LEGALI

[9] Rapport esebit minn Amanda Cordina fis-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fit-2 ta' Marzu 2013, fol. 1266
[10] Esebit minn Brenda Vella, rappreżentanta tal-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ fis-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fit-22 t'Ottubru 2012, fol. 559
[11] Subizzjoni, Udjenza tat-3 ta' Mejju 2011, fol. 77
[12] Fol. 44

Dwar l-ewwel talba tar-rikorrenti, il-Qorti fl-ewwel lok, tagħmel referenza għal Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipula:

"***Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment***".

Fil-każ fl-ismijiet Elisa Thompson vs. Edward Thompson[13] ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzJni tas-separazzJni personali, m'hemmx ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

Il-moħqrija, kif imsemmija fl-Artikolu 40 ġja ċċitat, bħala bażi għas-separazzJni personali, ġiet ritenuta minn ġurisprudenza kostanti bħala "sevizzi".[14] Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud[15]**,** deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 1961, ġie enunċjat illi: *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzJni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi".*

Fis-sentenza ġja ċċitata fl-ismijiet Antoinette Cauchi vs. Alexander Cauchi, l-inġurji jew offiżi gravi ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi Jffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz".*

Fis-sentenza, ġja ċċitata, Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud, ġie ritenut "*l-inġurji gravi ma ġewx speċifikament deżinjati mid-*

---

[13] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].
[14] Ara s-Sentenza fl-ismijiet Antoinette Cauchi vs. Alexander Cauchi, deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].
[15] Vol. XLV C.ii.708

*duttrina, imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom."*

L-adulterju wkoll huwa motiv għas-separazzJni fil-Liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula: "***Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra***".[16] Di piu, l-ġurisprudenza kostanti tagħna tirritjeni illi "*L-adulterju hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzJni personali*"[17]

Il-kwistJni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallegaha, jistax fattwalment jagħti prova. F'dan l-istadju, l-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna[18] fejn ġie dikjarat li: "*L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzJni personali ...... Huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzJnijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika*".

## APPLIKAZZJNI TAL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODJERN

Il-Qorti tirrileva illi r-relazzJni tal-partijiet hija ferm volatili fejn tgħaddi minn fażijiet tajbin ħafna, għal fażijiet ħżiena ħafna, partikolarment meta l-attriċi tiddeċiedi li ser ittemm ir-relazzJni miegħu fejn huwa jirreaġixxi ferm ħażin. Huwa evidenti li r-relazzJni kienet imsejsa fuq l-attrazzJni fiżika u l-ġibda sesswali u mhux fuq imħabba u rispett reċiproku.

Mill-assjem tal-provi prodotti, il-Qorti m'għandha l-ebda dubju illi l-partijiet huma ħatja t'adulterju fil-konfront ta' xulxin. Hemm indizji ċari illi l-attriċi kienet f'relazzJni ma' ċertu Marvin, filwaqt illi l-konvenut kien f'relazzJni ma' Claudia Lepre.

---

[16] Artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

[17] Hugh Greengrass vs. Lucia Greengrass, deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 98/2002/1RCP)

[18] Deċiża nhar is-27 ta' Novembru 2011 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 1715/2001/1RCP)

Illi lanqas hemm dubju li l-partijiet huma ħatja fil-konfront ta' xulxin ta' moħqrija. Huma għamlu fl-għasses tal-Pulizija mhux inqas minn mija u tmintax (118) ir-rapport li jvarjaw minn ġrieħi ħfief, għall-fastidju u għall-pika dwar l-aċċess tal-ulied u l-kuntatt telefoniku bejn il-missier u t-tfal. Elenku ta' dawn ir-rapporti qiegħed jiġi mehmuż ma' din is-sentenza u mmarkat bħal Appendiċi A, stante li minnu wieħed jista' jieħu ndikazzJni ċara tal-istat deġenerattiv li fiha ġiet reża l-ħajja miżżewġa tal-partijiet.

Illi l-attriċi ripetutament caħħdet lill-konvenut milli jara lil uliedu, anke meta ġiet imwiddba u mċanfra mill-Qorti. Diversi drabi m'adempjietx ruħha mad-digrieti relattivi għall-kuntratt telefoniku bejn il-partijiet.

Min-naħa tiegħu il-konvenut, oltre l-adulterju u l-moħqrija, huwa ħati wkoll ta' eċċessi u theddid fil-konfront ta' martu. L-atteġġjament tiegħu jikkostitwixxi *stalking* u l-Qorti sabitu ħati diversi drabi t'inġurji u theddid u poġġietu taħt garanzija personali.

Elenku tas-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali) esebiti f'dawn l-atti, wkoll qed tiġi mehmuża ma' din is-sentenza u mmarkata Appendiċi B.

Il-Qorti tirrileva wkoll illi permezz ta' sentenza fl-ismijiet D B vs. France Mercieca u Moira Mercieca[19] il-Prim'Awla rrimarkat dwar il-ħjiel tal-karattru negattiv ta' D B u li ma jgħidx is-sewwa. F'diversi aspetti tal-kawża, l-Qorti sabet li ma kienx qal is-sewwa.

Inoltre din il-Qorti qed tqis ukoll il-fedina penali tal-konvenut minn fejn jirriżultaw diversi reati kriminali mhux biss fil-konfront tal-attriċi (li jinsabu elenkati fl-Appendiċi B) iżda wkoll reati ta' serq, użu llegali t'apparat ta' komunikazzJni, sewqan b'manjiera perikoluża u theddid ta' membri tal-Pulizija. Illi minkejja li l-

[19] Deċiża fit-8 ta' Frar 2006 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni Numru 491/1996/1PS), esebita fol. 724

konvenut isostni li huwa m'huwiex kriminal, il-fatti juri mod ieħor u jidher li xellef difrejh diversi drabi mal-ġustizzja. Fil-fatt, il-Qorti tal-Maġistrati Malta[20] saħansitra ħarġet ordni ta' protezzJni kontra l-konvenut u projbitu milli javviċina lill-attriċi. Tqis ukoll illi l-konvenut preżentement jinsab mixli li b'mod vJlenti attakka u stupra mara li riedet ittemm relazzJni miegħu. Illi minkejja li sal-lum il-konvenut huwa kkonsidrat innoċenti, jidher li hemm pattern ta' imġieba kull meta mara ttemm relazzJni miegħu, imġieba li l-attriċi taf sewwa xi tfisser. Illi dana kollu jikkorabora sewwa l-verżJni tal-attriċi.

Konsegwentement, hija fehma tal-Qorti illi hemm lok għall-pronunzja tas-separazzJni personali bejn il-partijiet, bit-tort attribwibbli in kwantu għal żewġ terzi fuq il-konvenut u terz fuq l-attriċi.

## 2. Dwar il-Kura u Kustodja u Aċċess tal-minuri T, J L u S J

Ulied il-partijiet twieldu: T fit-3 ta' Lulju 1998[21], J L fit-13 ta' Novembru 2004[22] u S J fit-2 ta' Settembru 2006[23], u għaldaqstant fid-data tal-preżenti huma għandhom dsatax (19), tnax (12) u ħdax (11)-il sena rispettivament.

Mingħajr ebda dubju, il-kwistJni ta' min għandu jeżerċita l-kura u l-kustodja ta' dawn it-tliet ulied kienet l-ikbar kawża ta' nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet fil-mori tal-proċeduri odjerni. Fil-fatt, il-proċeduri huma kkaratterizzati minn serje ta' rikorsi u digrieti rigwardanti l-kura, l-kustodja u l-aċċess tal-ulied, li l-ġist tagħhom qiegħed jiġi riportat hawnhekk:

i) Rikors tal-attriċi tat-8 t'Ottubru 2010, risposta tal-konvenut tad-29 t'Ottubru 2010, Digriet tat-**12 ta' Novembru 2010**[24] fejn il-Qorti ordnat illi *pendente lite*, l-kura u l-kustodja għandha tibqa' konġunta, bil-missier li jkollu

---

[20] Maħruġa fis-26 t'April 2013 mill-Maġistrat Dr. Edwina Grima, fol. 1455
[21] Ċertifikat tat-Twelid relattiv jinsab esebit fol. 1400
[22] Ċertifikat tat-Twelid relattiv jinsab esebit fol. 1402
[23] Ċertifikat tat-Twelid relattiv jinsab esebit fol. 1403
[24] Fol. 62

aċċess għall-minuri nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Sibt mill-4.00pm sas-6.00pm u Ħadd kull ħmistax mill-10.00am sal-5.00pm. Il-Qorti ordnat ukoll li l-missier ikollu komunikazzJni bit-telefon mal-minuri ta' kuljum għal ħin raġonevoli.

ii) Digriet mogħti fl-udjenza tat-**18 ta' Jannar 2011**[25] fejn il-Qorti ordnat illi t-telefonati lit-tfal għandhom isiru darba kuljum wara l-ħin tal-iskola.

iii) Rikors tal-konvenut tat-2 ta' Diċembru 2010, risposta tal-attriċi tat-8 ta' Frar 2011, digriet tal-Qorti tal-**24 ta' Frar 2011**[26], fejn ġie varjat il-ħin tal-aċċess. Il-Qorti ordnat illi l-aċċess jiġi eżerċitat nhar ta' Sibt mill-4.00pm sas-6.00pm u nhar ta' Ħadd b'mod alternattiv darba mill-10.00am sa nofsinhar u darba mill-10.00am sal-5.00pm.

iv) Rikors tal-attriċi tal-21 ta' Frar 2011, risposta tal-konvenut tal-14 ta' Marzu 2011, digriet tal-Qorti tal-**24 ta' Frar 2011** fejn laqgħet provviżorjament it-talba sabiex il-familjari tar-rikorrenti jkunu awtorizzati jiġbru lit-tfal mill-iskola, digriet tal-Qorti tat-**28 ta' Marzu 2011** fejn il-Qorti nnominat lill-Psikologa Sharon Vella biex tkellem lill-minuri u tirraporta dwar ir-relazzJni tagħhom mal-ġenituri, u ordnat lill-konvenut jgħaddi lill-attriċi s-somma ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250) kull erbgħa ġimgħat għall-minuri.

v) Rikors urġenti tal-attriċi tat-8 t'April 2011, digriet tal-Qorti tal-**20 t'April 2011**[27] fejn il-Qorti awtorizzat il-ħruġ ta' passaport għall-minuri T limitatament għall-Ewropa għad-dati bejn is-7 u t-8 ta' Mejju 2011.

vi) Rikors ta' D B tal-15 t'April 2011 sabiex jiġbor u jwassal lit-tfal ħdejn l-Għassa tal-Pulizija, risposta tal-attriċi tal-

[25] Fol. 63
[26] Fol. 72
[27] Fol. 85

4 ta' Mejju 2011, Digriet tal-Qorti tad-**9 ta' Mejju 2011**[28] fejn ir-rikors ġie miċħud.

vii) Rikors tal-konvenut tat-13 ta' Ġunju 2011, risposta tal-attriċi tal-4 t'Awwissu 2011, digriet tal-Qorti tas-**16 t'Awwissu 2011**[29] fejn il-Qorti ordnat lill-Esperta Psikoloġika tespleta l-inkarigu tagħha mill-aktar fis possibbli.

viii) Rikors tal-konvenut tad-9 t'Awwissu 2011, Risposta tal-attriċi tal-31 t'Awwissu 2011, digriet tal-Qorti tal-**5 ta' Settembru 2011**[30] fejn il-Qorti ordnat lill-Esperta Psikoloġika Sharon Vella tespleta l-inkarigu tagħha, ordnat illi t-tfal ma jitħallewx ma' terzi jekk mhux bil-kunsens tal-konvenut u biss jekk il-konvenut bħala ġenitur ma jkunx jista' jżommhom hu, ordnat lill-attriċi sabiex tagħti lill-esponent in-numru tat-telefon fiss tad-dar u awtorizzat lill-konvenut iċempel lill-minuri separatament kuljum fuq dan in-numru fit-8.30pm.

ix) Rikors tal-konvenut tal-1 ta' Settembru 2011, fejn talab illi l-manteniment tal-minuri jiġi sospiż u li jkun awtorizzat jiġbor lil minuri mir-residenza tal-omm jew minn quddiem l-Għassa tal-Pulizija, li l-psikologa tkun sostitwita, u li tordna lill-attriċi ma tesponiex lit-tfal għal terzi persuni li magħhom għandha ħbiberiji speċjali, Risposta tal-attriċi tat-12 t'Ottubru 2011, digriet tal-Qorti tal-**14 t'Ottubru 2011**[31] fejn it-talbiet tal-konvenut ġew miċħuda.

x) Rikors tal-attriċi tas-6 t'Ottubru 2011, Risposta tal-konvenut tal-21 t'Ottubru 2011, digriet tal-Qorti tal-**24 t'Ottubru 2011**[32] fejn il-Qorti ċaħdet it-talbiet tal-attriċi għas-sospensJni tad-drittijiet kollha tal-aċċess tal-

[28] Fol. 93
[29] Fol. 111
[30] Fol. 133
[31] Fol. 211
[32] Fol. 228

konvenut versu uliedu u għas-sospensJni tal-kuntatt telefoniku mal-minuri.

xi) Rikors tal-konvenut tal-14 ta' Diċembru 2011 fejn reġa talab illi l-manteniment tal-minuri jiġi sospiż u li jkun awtorizzat jiġbor lil minuri mir-residenza tal-omm jew minn quddiem l-Għassa tal-Pulizija, risposta tal-attriċi tal-4 ta' Jannar 2012, digriet tal-Qorti tas-**6 ta' Jannar 2012**[33] fejn ċaħdet it-talbiet.

xii) Rikors tal-konvenut tas-7 ta' Mejju 2012, Risposta tal-attriċi tat-23 ta' Mejju 2012, digriet tal-Qorti tat-**28 ta' Mejju 2012**[34] fejn it-talbiet tal-konvenut ġew miċħuda.

xiii) Rikors tal-konvenut tat-18 ta' Mejju 2012, risposta tal-attriċi tad-19 ta' Ġunju 2012, digriet tal-Qorti tal-**20 ta' Ġunju 2012**[35] fejn il-Qorti ordnat lill-partner tal-intimata ma Jrqodx fl-istess residenza tat-tfal għall-ebda raġuni u dana taħt sanzJni ta' disprezz;

xiv) Rikors tal-attriċi tad-19 ta' Lulju 2012 fejn talbet *inter alia* ili hija tkun afdata esklussivament bil-kura u l-kustodja tal-minuri u li l-aċċess versu l-missier ikun taħt superviżJni strettissima, Risposta tal-konvenut tat-30 ta' Lulju 2012 u d-digriet tal-Qorti tat-**3 t'Awwissu 2012**[36] fejn it-talba ġiet miċħuda;

xv) Rikors tal-konvenut tal-21 t'Awwissu 2012 sabiex il-Qorti tawtorizza lill-minuri jkellmu l-psikjatra privat li kien qiegħed jevalwa s-sitwazzJni tiegħu, Risposta tal-attriċi tas-7 ta' Settembru 2012 u digriet tal-Qorti tal-**10 ta' Settembru 2012**[37] fejn it-talba ġiet miċħuda;

xvi) Rikors tal-attriċi tad-19 ta' Ġunju 2012, Risposta tal-konvenut tat-13 ta' Lulju 2012, digriet tal-Qorti tas-**16**

---
[33] Fol. 257
[34] Fol. 288
[35] Fol. 389
[36] Fol. 449
[37] Fol. 45

**ta' Lulju 2012**[38], fejn il-Qorti ħatret lis-sur D Grillo bħala espert psikoterapista sabiex isegwi r-rakkomandazzJnijiet tal-psikologa Dr. Vella Camilleri. In segwitu għar-rapport ta' D Grillo, fit-**18 t'Ottubru 2012**[39], il-Qorti tat digriet fejn ordnat illi l-intimat jara lil uliedu fl-Aġenzija Appoġġ kull nhar ta' Erbgħa bejn il-5.00pm u s-7.00pm, kull nhar ta' Ġimgħa bejn il-5.00pm u t-8.00pm u kull nhar ta' Ħadd bejn it-3.000pm u l-5.00pm.

xvii) Rikors tal-konvenut tal-1 t'Ottubru 2012 sabiex il-Qorti tordna lir-Reġistratur tal-Qrati Superjuri sabiex jinbdew proċeduri ta' disprezz fil-konfront tal-attriċi, Risposta tal-attriċi tat-13 ta' Novembru 2010 u d-digriet tal-Qorti tas-**16 ta' Novembru 2012**[40] fejn il-Qorti ċaħdet it-talba.

xviii) Rikors tal-konvenut tat-12 t'Ottubru 2012 fejn huwa talab lill-Qorti sabiex tbiddel il-modalita` tal-aċċess, taħtar ħaddiema soċjali u tordna lill-attriċi ma tesponix lit-tfal għas-sieħeb tagħha, Risposta tal-attriċi tas-16 ta' Novembru 2012, digriet tal-Qorti tad-**19 ta' Novembru 2012**[41] li permezz tiegħu ċaħdet it-talbiet kollha.

xix) **Nota tal-Aġenzija Appoġġ** tas-**17 ta' Diċembru 2012**[42] illi permezz tagħha, informat lill-Qorti illi l-aċċess taħt superviżJni fil-bini tal-istess Aġenzija ġie sospiż wara li l-missier inġibditlu l-attenzJni li kien qiegħed jimbarazza lil ibnu, anke billi jkollu atteġġjament differenti miegħu minn dak ma' ħutu l-bniet u wkoll billi kkritikah. Il-konvenut informa lill-ħaddiema soċjali li ma xtaqx jara iktar lil uliedu fil-bini tal-Aġenzija.

---

[38] Fol. 531
[39] Fol. 555
[40] Fol. 676
[41] Fol. 738
[42] Fol. 809

xx) Rikors tal-attriċi tal-31 ta' Jannar 2013 sabiex il-Qorti tirrevoka d-digriet tal-5 ta' Settembru 2011 u tafdaha *pendente lite* bil-kura u l-kustodja tal-minuri, Risposta tal-konvenut tal-11 ta' Frar 2013, digriet tal-Qorti tat-**18 ta' Frar 2013**[43] fejn il-Qorti ċaħdet it-talba.

xxi) Rikors tal-konvenut tad-29 ta' Jannar 2013 fejn talab illi l-Qorti tawtorizza l-aċċess jsir taħt superviżJni barra l-Aġenzija Appoġġ, risposta tal-attriċi tat-13 ta' Marzu 2013, digriet tal-Qorti tal-**14 ta' Marzu 2013**[44] fejn il-Qorti ċaħdet it-talba.

xxii) Rikors tal-attriċi tal-4 t'April 2013 sabiex il-Qorti tiffissa ġurnata u ħin fiss meta l-konvenut iċempel lil uliedu, risposta tal-konvenut tas-16 t'April 2013, digriet tal-Qorti tas-**16 t'April 2013**[45] fejn il-Qorti ordnat illi l-konvenut iċempel lil uliedu kull nhar ta' Tnejn, Erbgħa u Sibt.

xxiii) Rikors tal-attriċi tal-11 t'April 2013 fejn talbet illi l-Qorti tissospendi *pendente lite* l-aċċess tal-konvenut għall-imsemmija minuri, tordna lill-konvenut jattendi kors ta' parental skills, isir rapport fuq il-qagħda mentali tal-konvenut, jinħatar Avukat tat-tfal, risposta tal-konvenut tat-23 t'April 2013, digriet tal-Qorti tat-**2 ta' Mejju 2013**[46] fejn il-Qorti laqgħet biss it-talba illi l-konvenut jattendi sezzJnijiet ma' *clinical psychologist* sabiex isir rapport fuq il-qagħda mentali tiegħu. B'digriet mogħti fis-6 ta' Mejju 2013, il-Qorti ħatret lil Carmen Sammit bħala *clinical psychologist* għal dan l-iskop.

xxiv) Rikors tal-attriċi tas-17 t'April 2013 fejn talbet ir-revoka tad-digriet tas-16 t'April 2013 u talbet lill-Qorti sabiex tiffissa ġurnata u ħin fiss meta l-konvenut iċempel lil uliedu, Risposta ta' D B tat-23 t'April 2013, digriet tal-

[43] Fol. 1250
[44] Fol. 1261a
[45] Fol. 1319
[46] Fol. 1364

Qorti tat-**2 ta' Mejju 2013**[47], fejn il-Qorti ċaħdet it-talbiet.

xxv) Rikors tal-Attriċi tat-18 t'April 2013, risposta tal-konvenut tat-23 t'April 2013, digriet tal-Qorti tat-**2 ta' Mejju 2013**[48] illi permezz tiegħu laqgħet biss it-talba illi l-intimat iħallas nofs l-ispejjeż għas-sessJnijiet li l-minuri T B ser ikollu mal-psikoterapista D Grillo.

xxvi) **Nota tal-Aġenzija Appoġġ** tas-6 ta' Mejju 2013, illi permezz tagħha informat lill-Qorti illi l-aċċess b'superviżJni reġa beda jinżamm b'effett min-nhar it-12 t'April 2013 fejn qegħdin jattenu l-minuri Jamie u S iżda T ma bediex jattendi. Illi T stqarr mal-ħaddiema soċjali illi ma jemminx li l-missier talab li jerġa' jibda jarahom għax veru jħobbhom. Inoltre l-aċċess bejn il-missier u l-minuri l-bniet qiegħed jieħu svolta t'interrogazzJni, fejn għalkemm il-missier jitkellem mal-minuri li jidhru li jieħdu pjaċir li qiegħed ikollhom dan il-ħin ma' missierhom, huwa jagħmel ħafna domandi rigward il-minuri T u l-istat emozzJnali tiegħu. Il-missier jagħmel ukoll diversi domandi oħra lit-tfal u kull darba Jrdna lil min ikun qiegħed jissorvelja l-aċċess sabiex jieħu nota ta' dak li qegħdin jgħidu t-tfal, u dan l-aġir jista' jikkawża tensJni żejda fit-tfal. In segwitu għal din in-Nota u wara li semgħet dak illi kellhom xi jgħidu l-partijiet, il-Qorti permezz ta' digriet tat-**3 ta' Ġunju 2013**, issospendiet l-aċċess għal T sakemm jitlesta r-rapport ta' Carmen Sammut.

xxvii) Rikors tal-Attriċi tat-13 ta' Mejju 2013 fejn talbet lill-Qorti sabiex tissospendi l-aċċess tal-intimat u *pendente lite* tafdaha bil-kura u l-kustodja tal-minuri sakemm l-espert Carmen Sammut tħejji r-rapport tagħha, risposta ta' D B tat-22 ta' Mejju 2013, digriet tal-Qorti tat-**23 ta' Mejju 2013**[49] illi permezz tiegħu

[47] Fol. 1425
[48] Fol. 1428
[49] Fol. 1463

ordnat lill-intimat iħallas l-ispejjeż kollha relatati mal-lezzJnijiet tal-privat tal-minuri.

xxviii) Rikors tal-konvenut D B tal-14 ta' Ġunju 2013 fejn talab lill-Qorti tirrevoka d-deċiżJni tagħha li jattendi sessJnijiet ma' *clinical psychologist*, taħtar psikologu biex jara lill-attriċi u li huwa jħallas nofs il-privat ta' T (mhux kollox) wara li l-partijiet jiddeċiedu flimkien xi privat għandu bżonn, Risposta tal-attriċi tat-2 ta' Lulju 2013, digriet tal-Qorti tat-**3 ta' Lulju 2013**[50] fejn ċaħdet it-talbiet.

xxix) Rikors tal-attriċi tat-2 ta' Lulju 2013 fejn hija għal darb'oħra talbet illi jkollha l-kura u l-kustodja ta' uliedha minuri b'mod esklussiv, risposta tal-konvenut tal-4 ta' Settembru 2013, digriet tal-Qorti tas-7 ta' Settembru 2013[51] fejn il-Qorti laqgħet it-talba.

xxx) **Nota tal-Aġenzija Appoġġ** tad-**29 ta' Novembru 2013**, illi permezz tagħha nfurmat lill-Qorti illi l-aċċess b'superviżJni huwa wieħed irregolari ħafna stente li l-missier jikkanċellah spiss, u xi drabi, iżda mhux daqshekk spiss, jiġi kkanċellat mill-omm. Illi l-minuri stqarru mal-ħaddiema soċjali li huma jagħmlu sforz biex juri li qegħdin jieħdu gost fil-preżenza ta' missierhom u dan sabiex jevitaw li missierhom jagħmlilhom ħafna domandi. Illi oltre li jilgħab mat-tfal u xi drabi jgħinhom fil-homework, il-missier Jqgħod jinvestiga min iffirma l-homeworks tat-tfal u Jqgħod jikteb in-noti lill-għalliema. Illi l-minuri stqarrew mal-ħaddiema soċjali li missierhom jgħidilhom affarijiet f'widnejhom biex ma tismax is-supervisor, ħafna drabi domandi biex isus fil-passi tal-omm. It-tfal jiddejqu b'dawn id-domandi għax jibżgħu li ma jagħtux it-tweġiba li jkun jixtieq il-missier. In vista tar-rakkomandazzJnijiet tal-Aġenzija Appoġġ, permezz ta' digriet iddatat it-**2 ta' Diċembru 2013**[52], il-Qorti

[50] Fol. 1510
[51] Fol. 1621
[52] Fol. 2013

ssospendiet l-aċċess tal-missier għall-minuri sakemm il-missier jipprova li qiegħed jirċievi kura terapewtika u juri li jrid jikkopera mar-rakkomandazzJnijiet tal-professJnisti. Inoltre permezz ta' digriet mogħti fl-udjenza tal-**4 ta' Diċembru 2013**[53] il-Qorti naqqset il-kuntatt telefoniku bejn il-missier u l-ulied għal darba f'ġimgħa u cioe kull nhar ta' Tnejn fit-8.00pm.

xxxi) Rikors tal-konvenut tas-16 ta' Diċembru 2013 illi permezz tiegħu talab lill-Qorti tagħtih aċċess mingħajr superviżJni fil-ġurnata tal-Milied 2013, risposta tal-attriċi tal-24 ta' Diċembru 2013, digriet tal-Qorti tal-**24 ta' Diċembru 2013**[54] fejn il-Qorti ċaħdet it-talba.

xxxii) Rikors tal-konvenut tal-4 ta' Marzu 2014 fejn talab ir-revoka tad-digriet tat-2 ta' Diċembru 2013 u talab aċċess ta' darba fil-ġimgħa għal sagħtejn, ir-risposta tal-attriċi tas-17 ta' Marzu 2014, digriet tal-Qorti tat-**18 ta' Marzu 2014** fejn ordnat lill-konvenut sabiex Jbdi d-digriet tal-Qorti li jattendi għas-sessJnijiet ma' Carmen Sammut u tipprovdi ulterJrment wara li tara r-rapport tal-istess espert.

xxxiii) Rikors tal-konvenut tat-8 t'Awissu 2014[55] fejn huwa nforma l-Qorti li kontra qalbu, imma fuq il-pariri mingħand esperti psikoloġiċi, mhux ser jibqa' jinsisti għall-kura u l-kustodja t'uliedu iżda li huwa kien dispost jibqa' jħallas il-manteniment għalihom skont id-digriet viġenti tal-Qorti.

xxxiv) Rikors tal-attriċi tat-28 t'Awwissu 2014, illi permezz tiegħu talbet illi l-Qorti tissospendi d-dritt tal-intimat illi jikkomunika mal-minuri u li tkun afdata bil-kura u l-kustodja tal-minuri, Risposta tal-konvenut tad-29 ta' Settembru 2014, digriet tal-Qorti tat-**30 ta' Settembru 2014**[56] fejn il-Qorti ċaħdet it-talba.

[53] Fol. 1712
[54] Fol. 1719
[55] Fol. 1738
[56] Fol. 1831

xxxv) Rikors tal-konvenut tal-5 ta' Frar 2015, illi permezz tiegħu talab li jerġa' jkun hemm aċċess fl-Aġenzija Appoġġ u wkoll li t-tfal iqattgħu ftit ħin man-nanniet paterni, risposta tal-attriċi tad-9 ta' Marzu 2015, digriet tal-Qorti tad-**9 ta' Marzu 2015**[57] fejn ġie akkordat aċċess għall-minuri taħt superviżJni fl-Aġenzija Appoġġ, darba fil-ġimgħa, għal siegħa, f'dik il-ġurnata u ħin li jiġu stabbiliti mill-Aġenzija Appoġġ. Sussegwentement stante n-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet u wara li rat in-nota tal-Aġenzija Appoġġ tat-13 t'April 2015[58], il-Qorti b'digriet tal-**25 t'April 2015**[59] ordnat illi l-aċċess taħt superviżJni jsir nhar ta' Tlieta bejn l-4.00pm u l-5.00pm.

xxxvi) Nota tal-**Aġenzija Appoġġ** tal-24 ta' Novembru 2015[60], illi permezz tagħha infurmat lill-Qorti illi sa Settembru 2015 l-aċċess kif ordnat mill-Qorti kien qiegħed jinżamm b'mod regolari. Waqt l-aċċess ġie osservat li l-missier għandu relazzJni tajba mat-tfal tiegħu fejn jitkellmu, jilagħbu u juru affezzJni. Illi f'Settembru l-partijiet ma baqgħux jattendu għall-aċċess u meta sar kuntatt mal-partijiet, infurmaw lill-Aġenzija li kellhom kuntatt bejniethom u ltaqgħu bit-tfal barra mill-Aġenzija Appoġġ. Illi l-missier wera l-fehma li huwa m'huwiex kriminal allura m'għandux għalfejn jara lit-tfal tiegħu fil-bini tal-Aġenzija. Illi għalhekk il-Qorti laqgħet ir-rakkomandazzJni tal-Aġenzija illi l-aċċess ma jibqax jinżamm taħt superviżJni permezz tad-digriet tagħha tat-**22 ta' Marzu 2016**[61].

Illi kif diġa ntqal fil-parti tas-sentenza li trattat ir-responsabilita tat-tkissir taż-żwieġ, ir-relazzJni bejn il-partijiet hija ferm volatili fejn tgħaddi minn fażijiet tajbin ħafna, għal fażijiet ħżiena ħafna. Jidher ukoll illi l-konvenut għandu mod kif jimmanipula u

---

[57] Fol. 1864
[58] Fol. 1867
[59] Fol. 1874
[60] Fol. 2157
[61] Fol. 2160

jikkonvinċi lill-attriċi, bħalma ġara fil-passat meta wiegħdha li ser jinbidel u kkonvinċiha jerġgħu jikkoabitaw flimkien. Illi għalhekk il-Qorti ma tħosshiex sorpriża li għal darb'oħra l-konvenut ikkonvinċa lill-attriċi tippermettilu jara lil uliedu mingħajr is-superviżJni tal-Aġenzija Appoġġ u kontra d-digriet tal-Qorti. Filwaqt li l-Qorti tiddeplora l-aġir tal-attriċi li reġgħet waqgħet għar-rieda tal-konvenut u kisret l-ordni tal-Qorti, meta ilha żmien għaddejja bi kruċjata ta' rikorsi, tista' wkoll tifhem li l-konvenut kapaċi jagħmel pressJni kbira u għaldaqstant mhux daqstant faċli li l-attriċi tirreżisti għall-pressJni tiegħu.

Bla dubju fost il-provi voluminużi mressqa miż-żewġ partijiet dwar dan l-aspett tas-separazzJni tagħhom, il-Qorti tagħti l-iktar piż lir-rapporti tal-esperti minnha mqabbdin sabiex jirrelataw dwar ulied il-partijiet.

Fl-ewwel lok, ir-rapport redatt mill-Psikologa Clinika Dr. Sharon Vella Camilleri[62] fejn filwaqt illi sabet difetti psikoloġiċi fiż-żewġ partijiet, hija sabet l-aġir tal-konvenut iktar inkwetanti għax huwa sikwit juri l-ħtieġa li jeżerċita kontroll fuq ta' madwaru. Filwaqt li huwa jħoss li huwa dritt tiegħu li meta jrid ma jarax lit-tfal u ma jeżerċitax l-aċċess, Allaħares uliedu ma jkunux id-dar meta suppost iċempel hu. Kienet irrakkomandat illi l-attriċi jkollha l-kura u l-kustodja esklussiva tal-ulied, filwaqt illi l-konvenut ikollu supervised access visits kif ukoll telefonati supervised.

Fit-tieni lok, ir-rapport tas-sur D Grillo[63], illi kkonkluda "*It is very evident that Mr. D B is having significant difficulties to relate to his children as children and is only contacting them through his perception and feelings towards the mother. He needs support to deal with this and to keep the respect of his children. He needs to work on his projections and his control issues. He is not only suffering in vain but he is also damaging the three children psychologically. Most of the time, D is blinded by his confused feelings for Chantal and when this happens, he loses track of his children's needs through questions that are not only*

[62] Fol. 390 ippreżentat fit-22 ta' Mejju 2012
[63] Fol. 532, ippreżentat fil-15 t'Ottubru 2012

*sexualised in content but also confusing and seem to have an obsessive pattern...it is clear that these phone calls are being used as a means of control and not for proper and healthy communication with the children."*

Illi dana kollu ntqal wara li l-missier fil-ħinijiet tal-aċċess kien jinterroga lil-minuri dwar ommhom, is-sieħeb tagħha, meta ħarġu, raqadx għandhom etc. Huwa sikwit kien jirrekordjahom[64]. Illi l-minuri stqarrew li jħossu li missierhom kellu xi camera għassa tagħhom il-ħin kollu. Illi dan beda jaffettwahom negattivament fl-andament tal-istudji tagħhom u bdew ikunu wkoll iktar dipressi. Ġie rapportat li saħansitra offrielhom il-flus jekk jirraportawlu l-imġieba ta' ommhom!! Illi dan kollu wassal biex il-minuri T beda jirrifjuta li jiltaqa' ma' missieru. Tenut kont tal-eta` tiegħu l-interrogazzJni tal-missier affetwatu iktar minn ħutu iżgħar. Huwa wkoll allegat mill-omm, li iben il-partijiet għadda minn episodju serju ta' ħsara fuqu nnifsu.

Illi l-Qorti tat diversi ċansijiet lill-konvenut sabiex ibiddel dan l-aġir ferm negattiv tiegħu li kien qed jikkawża ħsara u ansjeta fuq uliedu. Illi huwa jallega li l-attriċi għamlet minn kollox biex tallontanah minn uliedu. Illi fil-verita, kien huwa stess li b'dan l-aġir fastidjuż tiegħu allontana lil uliedu minnu, billi tilef ir-rispett ta' T u dejjaq u kkreja biża f'uliedu l-bniet. Illi anke fis-supervised access visits baqa' għaddej bl-"interrogazzJni" tiegħu.

Illi huwa ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li, f'kawżi bħal din, il-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri.

Fil-kawża Jennifer Portelli pro.et noe. vs. Jhn Portelli[65] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-każ u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi*

[64] fol. 41, 702 u 703

[65] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP

*in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzJni tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment*;"

Illi fil-kawża fl-ismijiet Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless[66], il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quei provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

Illi ngħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet Jhn Cutajar vs. Amelia Cutajar et [67] u Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna[68] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistJnijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."*

Il-Qorti għandha s-setgħa illi jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-konjuġi bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili[69]. Illi kif kellha l-okkażJni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. *"Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem tagħti piż għad-drittijet tal-ġenituri, l-interess suprem li żżomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif*

---

[66] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858;

[67] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956;

[68] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP)

[69] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

*anke mgħallma mill-ġjurisprudenza kostanti tagħna hawn 'il fuq iċċitata."*[70]

Illi fil-każ in eżami, il-konvenut jeħtieġ illi jfittex l-għajnuna professJnali sabiex itejjeb il-personalita tiegħu biex ma jkomplix ikun ta' ħsara psikoloġika fuq uliedu. In vista li huwa qed jirrifjuta li jfittex l-għajnuna, bl-iskuża li hu m'huwiex kriminal, il-Qorti ma tistax tpoġġi l-benessere tal-ulied fir-riskju biex tissodisfa l-ħtiġijiet u l-ego ta' missier daqstant kapriċċjuż. Illi huwa wkoll l-insenjament tal-Qorti tal-Appell, illi f'kawżi daqstant kontenzjużi bħal din preżenti, ikun ferm aħjar għall-ulied, li l-Qorti tafda l-kura u l-kustodja tagħhom lil ġenitur wieħed.

Illi tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti f'dan il-każ qiegħda tafda l-kura u l-kustodja tal-ulied minuri J L u S J esklussivament f'idejn l-attriċi l-omm. Hija għandha d-dmir li tinforma lill-konvenut bl-avvenimenti importanti fil-ħajja tal-minuri. F'dan l-istadju, l-Qorti m'hijiex qed takkorda aċċess versu l-konvenut. Il-konvenut jibda jkollu aċċess għal uliedu meta jipprova lill-Qorti li ħa t-terapija kollha li kien meħtieġ biex ma jibqax ikun ta' dannu għal uliedu.

In vista li nstab li l-omm ukoll għandha n-nuqqasijiet tagħha[71] fit-trobbija tal-ulied, il-Qorti qiegħda tordna lill-Aġenzija Appoġġ sabiex iżżomm kuntatt mal-iskola (għalliema, guidance teachers, councillors) tal-minuri u wkoll mal-attriċi sabiex taċċerta illi l-omm qed tieħu ħsieb uliedha b'mod denju, u l-Aġenzija għandha tirraporta għall-attenzJni tal-Qorti jekk ikun meħtieġ. Inoltre, l-omm għandha tiddeżisti li tlaqqa' lill-minuri mal-missier jekk mhux kif ordnat mill-Qorti, biex tevita li jkunu applikati fil-konfront tagħha l-effetti tal-Artikolu 56(2) tal-Kodiċi Ċivili u l-ulied jitqiegħdu taħt il-kustodja ta' persuni *in loco parentis*, ta' terzi, jew f'xort'oħra ta' kura.

[70] Frances Farrugia vs. Duncan Caruana, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat 268/11AL);

[71] Kien hemm provi ta' homework mhux segwit, tfal mingħajr kotba importanti wara l-ewwel ġimgħa ta' skola u allegazzjonijiet li jkollha intimita mas-sieħeb tagħha fil-preżenza tal-minuri, u li tieħu l-minuri f'postijiet mhux adatti għalihom.

3. **Dwar il-Manteniment tal-attriċi u tal-ulied minuri**

L-attriċi qiegħda titlob manteniment kemm għaliha, kif ukoll għal uliedha. Il-konvenut, filwaqt illi ma JġġezzJnax illi jivversa manteniment għal uliedu skont il-mezzi tiegħu, Jpponi li jivversa manteniment ukoll għal martu għaliex fil-fehma tiegħu hija kienet responsabbli għat-tkissir taż-żwieġ, oltre li taħdem b'impjieg fiss li jirrendilha introjtu ikbar minn tiegħu.

Illi fl-ewwel lok, dwar il-manteniment għall-attriċi nnifisha, dana jiġi estint malli s-sentenza tan-nullita` taż-żwieġ bejn il-partijiet tiġi rreġistrata fil-Qrati Ċivili. Inoltre jiġi rilevat illi l-attriċi f'dan l-istadju, għandha l-potenzjal kollu li tkompli żżomm lilha nnifisha materjalment, mingħajr il-ħtieġa ta' manteniment mingħand żewġha. Għadha żgħira fl-eta` ta' ċirka ħamsa u tletin sena u m'għandha ebda diffikulta` jew impediment sabiex tkompli taħdem u taqla' l-għixien tagħha bħal u t'uliedha bħalma dejjem għamlet. Fit-tielet lok, il-Qorti tirrileva wkoll illi l-attriċi instabet ħatja t'adulterju fil-konfront ta' żewġha l-konvenut u li għaldaqstant tilfet il-jedd tagħha ta' manteniment mingħand żewġha.

Illi rigward il-manteniment tal-minuri *pendente lite*, dan ġie regolat permezz ta' serje ta' digrieti tal-Qorti, l-ewwel fosthom id-digriet iddatat it-28 ta' Marzu 2011 fejn il-Qorti ordnat lill-konvenut iħallas lill-attriċi mitejn u ħamsin Ewro (€250) kull erbgħa ġimgħat rappreżentanti manteniment għall-minuri;

Illi l-konvenut għamel xi żmien diżokkupat meta kien safa mkeċċi mill-kumpanija S & S Bathrooms stante nuqqas ta' xogħol (redundancy) u għalhekk huwa ttenta li jiġi sospiż l-obbligu tiegħu li jmantni lil uliedu billi ppreżenta rikors f'dan is-sens fit-30 ta' Lulju 2013, talba li l-Qorti ċaħdet permezz tad-digriet tagħha tal-15 t'Ottubru 2013[72]

Sussegwentement bejn il-partijiet kien hemm kwistJni fuq il-*children's allowance* perċepibbli għall-minuri u dana peress illi inizjalment iċ-*children's allowance* kien jitħallas kollu lill-attriċi.

[72] Fol. 1643

Peress li *pendente lite*, l-kura u l-kustodja tal-minuri baqgħet waħda konġunta, il-konvenut informa b'dana lid-Dipartiment li ħa ħsieb jibda jgħaddi nofs iċ-*children's allowance* lilu. Inoltre d-dipartiment dar fuq l-attriċi u talabha rimbors tal-*overpayment* ta' €2,182.53 li kien sar għaf-favur tagħha[73]. Illi għaldaqstant l-attriċi, permezz tar-rikors tagħha tat-23 ta' Settembru 2013, talbet lil Qorti sabiex tkun hi li tipperċepixxi l-ammont sħiħ ta' *children's allowance* pagabbli għall-minuri, kif ukoll li jkun il-konvenut li jirrifondi l-*overpayment* lid-dipartiment. Il-Qorti, wara li rat ukoll ir-risposta tal-konvenut tat-8 t'Ottubru 2013, permezz ta' digriet mogħti fid-9 t'Ottubru 2013[74], laqgħet l-ewwel talba tal-attriċi filwaqt illi ċaħdet it-tieni talba.

Illi l-attriċi ippreżentat rikors fis-7 t'Ottubru 2014[75], fejn in vista li l-konvenut kien sab impjieg fiss, talbet illi l-Qorti tirrevedi l-manteniment pagabbli għat-tliet minuri, tordna li l-istess manteniment ikun imnaqqas direttament mis-salarju tal-konvenut u tordna lill-konvenut iħallas nofs l-ispejjeż tas-saħħa u tal-edukazzJni tal-ulied. Il-Qorti wara li rat ir-risposta tal-konvenut tat-3 ta' Novembru 2014, awmentat il-manteniment tal-minuri għal tliet mitt Ewro (€300) kull erba' ġimgħat filwaqt illi ċaħdet it-talbiet l-oħra.

Illi permezz ta' rikors ieħor iddatat il-21 ta' Lulju 2016, il-konvenut talab lill-Qorti li in vista li ibnu T laħaq l-eta` maġġorenni, huwa ma kellux jibqa' jħallas il-manteniment għalih u li għalhekk il-manteniment għandu jiġi ridott pro rata għas-somma ta' mitejn Ewro (€200). Stante li l-attriċi ma rrispondietx għal dan ir-rikors, il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrent permezz ta' digriet iddatat is-17 t'Awwissu 2016[76].

Permezz ta' rikors ieħor tat-22 ta' Marzu 2017, l-attriċi talbet lill-Qorti sabiex tirrevedi l-manteniment pagabbli għal uliedha minuri u wkoll għal T li rreżuma l-istudji tiegħu, tordna li l-manteniment jinqata' direttament mis-salarju tal-konvenut,

[73] Kif jirriżulta mill-ittra mibgħuta mid-Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali ddatata it-2 ta' Settembru 2013, esebita fol. 1662

[74] Fol. 1693

[75] Fol. 1836

[76] Fol. 2166

tordna lill-konvenut iħallas nofs l-ispejjeż ta' saħħa u tal-edukazzJni inkluż arretrati ta' €305.76 u wkoll tordna lill-intimat iħallas sehmu mid-drittijiet tal-Perit Legali. Il-Qorti wara li rat ir-risposta tal-konvenut tal-21 t'April 2017, permezz tad-digriet tagħha tal-**25 t'April 2017**[77], ordnat lill-konvenut iħallas is-somma ta' €300 fix-xahar bħala manteniment għall-ulied, liema manteniment jinqata' direttament mis-salarju tal-konvenut. Il-konvenut ġie ordnat iħallas ukoll nofs l-ispejjeż tas-saħħa u tal-edukazzJni tal-minuri.

Iben il-partijiet T, huwa llum maġġorenni. L-attriċi ssostni li T għadu qiegħed jistudja b'mod fiss imma ma resqet ebda prova in sostenn ta' dan. Pjuttost hemm prova li tindika li huwa tkeċċa mill-Higher Secondary stante nuqqas t'attendenza għal-lezzJnijiet. Min-naħa l-oħra, hemm prova li tindika li l-minuri jaħdem fuq bażi part time mal-kumpanija GO p.l.c.[78] Illi fin-nuqqas ta' prova li huwa jistudja b'mod fiss, il-Qorti m'hijiex ser takkorda manteniment pagabbli għal T.

Rigward il-mezzi u l-introjtu tal-konvenut, preżentement huwa qiegħed jaħdem mal-kumpaija Quickprinter p.l.c. u jaqla' paga gross ta' €815.14 kull xahar li meta jitnaqqsu minnha t-taxxa u l-kontribuzzJnijiet tas-Sigurta` Soċjali, l-ammont jinżel għall-paga netta ta' ċirka €700 fix-xahar.[79] Huwa kelli *più o meno* l-istess introjtu meta kien jaħdem ma' J&E Griscti Limited[80]. Minn dawn, huwa jħallas kontribuzzJni lil ommu, li jirrisjedi magħha, ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250) fix-xahar[81].

Min-naħa tagħha, l-attriċi taħdem fis-settur turistiku. Għamlet żmien twil taħdem il-Lukanda Imperial ġewwa Tas-Sliema. Preżentement hija taħdem bħala accounts clerk fir-Radisson Golden Sands Hotel. Sakemm kienet taħdem fil-lukanda Imperial hija kienet taqla' s-somma netta ta' €12,711.50 kull sena.[82]

---

[77] Fol. 2197
[78] Kuntratt t'impjieg esebit mill-konvenut man-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu.
[79] Payslips esebiti fol. 2187 et seq.
[80] Dikjarazzjoni fol. 1844
[81] Affidavit ta' Josephine Xuereb fol. 2190
[82] Maħduma għab-bażi tal-FS3s esebiti fol. 1617 et. seq, fuq il-qligħ tal-attriċi għas-snin 2009, 2010, 2011 u 2012, wara li ġew imnaqqsa l-kontribuzzjonijiet tas-Sigurta Soċjali u t-taxxi.

Illi tenut kont tal-introjtu tal-partijiet, il-Qorti hija tal-fehma li jkun ġust illi l-konvenut iħallas is-somma ta' tliet mitt Ewro (€300) kull xahar komplessivament għaż-żewġ uliedu minuri, liema ammont jinkludi sehemu mill-ispejjeż tas-saħħa u tal-edukazzJni, u jista' jitħallas billi jinqata' direttament mis-salarju u/jew benefiċċji ipperċepiti mill-konvenut. Il-manteniment jiżdied kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja. Il-konvenut jibqa' jivversa lill-attriċi l-manteniment għal uliedhom J L u S J, oltre l-għeluq tat-tmintax-il sena tagħhom, sakemm dawna jibqgħu jistudjaw/jitħarrġu *full-time* jew sakemm jilħqu l-eta` ta' tlieta u għoxrin sena, skont liema tavvera ruħha l-ewwel. L-attriċi tirċievi kwalsiasi children's allowance, jew benefiċċju ieħor dovut għall-minuri, fl-ammont sħiħ.

Jibqgħu impreġudikati kwalsiasi pretensJnijiet li jista' jkollha l-attriċi għall-pagamenti ta' manteniment li sal-preżenti għadhom ma tħallsux mill-konvenut.

## 4. Dwar l-applikazzJni tal-Artikoli 48 et seq tal-Kodiċi Ċivili fil-konfront tal-konvenut

Kif diġa ntqal fl-ewwel parti ta' din is-sentenza illi trattat ir-responsabilita` tat-tkissir taż-żwieġ, iż-żwieġ bejn il-partijiet konjuġi B sfaxxa għal ħtijiet imputabbli liż-żewġ partijiet – l-attriċi li rrendiet ruħha ħatja t'adulterju u ta' moħqrija fil-konfront ta' żewġha, filwaqt illi l-konvenut irrenda ruħu ħati ta' adulterju, theddid, moħqrija, inġurji gravi u eċċessi fil-konfront tal-attriċi.

It-tort tal-adulterju imputabbli lill-partiijiet huwa komminat fl-Artikolu 41 u għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu u mhux sempliċiment id-diskrezzJni li tapplika id-dekadenzi stipulati fl-Artikoli tal-Kodiċi Ċivili.

L-Artikolu 48 jistipula: ***48. (1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -***

***(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827[83];***
***(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzJni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;***
***(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;***
***(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.***

Bl-applikazzJni ta' dan l-Artikolu, il-Qorti qiegħda tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti tad-dispożizzJnijiet kollha appena ċċitati. Inoltre ser tuża d-diskrezzJni tagħha ai termini tal-Artikolu 52, sabiex tapplika l-istess effetti fil-konfront tal-attriċi.

## 5. Dwar id-Dar Matrimonjali

Id-dar matrimonjali ġiet stabbilita mill-partijiet fl-indirizz 11, St. Jseph, Triq Leone, Sliema. L-attriċi tikkonferma illi l-konvenut ilu li waqaf milli jirrisjedi fl-imsemmija dar sa minn Marzu 2009. Il-konvenut jaqbel illi l-fond huwa propjeta` ta' missier l-attriċi iżda żamm ferm id-dritt li jkun rifuż għal kwalunkwe benefikati li saru fiż-żwieġ f'din il-propjeta`.

L-attriċi pproduċiet lil missierha bħala xhud[84], illi kkonferma li l-imsemmija dar kien wiritha mingħand il-ġenituri tiegħu li mietu t-tnejn fi żmien ħdax-il xahar. Huwa pproduċa it-testment tal-ġenituri[85] in sostenn ta' dan.

[83] L-artikolu 631 u 633 jirrigwardaw id-drittijiet ta' suċċessjoni bejn il-konjuġi filwaqt illi l-artikoli 825, 826 u 827 ġew imħassra bl-Att XVIII tal-2004.
[84] Affidavit ta' Cornelius Mulvaney, fol . 1701
[85] Fol. 1704

Illi ladarba dana m’huwiex ikkontestat mill-konvenut, il-Qorti ma tħossx illi għandha tidħol f’iktar dettall dwar l-imsemmija dar. Il-Qorti hija tal-fehma illi, b’effett mill-preżenti, il-fond 11, St. Jseph, Triq Leone, Sliema m’għandux jibqa’ jikkostitwixxi d-dar taż-żwieġ tal-partijiet. Bis-saħħa tal-preżenti, il-Qorti qiegħda tawtorizza lill-attriċi tgħix fl-istess dar bl-esklużJni tal-konvenut.

Rigward il-benefikati illi setgħu saru fl-istess dar, hemm qbil illi l-partijiet għamlu fil-post kamra tal-banju, il-madum tal-art ma’ kullimkien, il-kisi u ż-żebgħa tal-ħitan u d-dawl. Għamlu l-gypsum fejn kien meħtieġ, il-bibien tal-bitħa u t-tieqa tal-kamra tal-banju.[86]

6. **<u>Dwar id-DiviżJni u l-AssenjazzJni tal-Mobbli mid-data tar-rikonċiljazzJni</u>**

Dwar l-aspett patrimonjali, jirriżulta illi l-komunJni tal-akkwisti bejn il-partijiet ħiet xolta b’effett tal-ewwel sentenza ta’ separazzJni tagħhom u cioe dik mogħtija mill-Onor. Imħallef Raymond C. Pace fl-24 ta’ Ġunju 2004. Illi a tenur tal-liġi tagħna, partikolarment l-Artikolu 64 tal-Kodiċi Ċivili, ir-rikonċiljazzJni tal-partijiet ġabet magħha mill-gdid l-obbligu tal-konvivenza u manteniment reċiproku bejn il-partijiet iżda bl-ebda mod ma reġgħet tat il-ħajja lill-komunJni tal-akkwisti bejn il-partijiet. L-Artikolu 64 jistipula kjarament:

***64. (1) Jekk ir-raġel u l-mara mifrudin imorru minn rajhom igħammru flimkien, iġib il-għaqda tagħhom mill-ġdid, u jġedded l-obbligu, li ġej miż-żwieġ, tal-għajxien flimkien u tal-manteniment.***
***(2) Iżda, kull effett ieħor tal-firda ma jispiċċax ħlief bis-saħħa ta’ att pubbliku.***

Illi fil-każ odjern, ma tressqet ebda prova illi bis-saħħa t’att pubbliku il-partijiet irrijavvivaw il-komunJni tal-akkwisti bejniethom, li kienet ġiet estinta bis-saħħa tad-deċiżJni

[86] Ara x-xiehda tal-attriċi mogħtija fis-seduta tat-8 ta’ Mejju 2014, quddiem il-Peri t Legali Dr. Anna Mallia, fol. 1871

ġudizzjarja ċċitata. Illi fin-nuqqas t'att pubbliku debitament awtorizzat mill-Qorti kompetenti kif rikjest mil-liġi, bejn il-partijiet ma reġax beda japplika r-reġim tal-komunJni tal-akkwisti, iżda baqa' viġenti r-reġim tas-separazzJni tal-beni.

Għaldaqstant, sabiex il-Qorti tasal għall-assenjazzJni tal-mobbli li jinsabu fid-dar ġja matrimonjali u milquta mill-Mandat ta' DeskrizzJni innumerat 307/13MG, kif ukoll għall-kumpens lill-konvenut tal-benefikati li seta' għamel fil-fond ġja d-dar matrimonjali, kienet meħtieġa l-prova ta' x'ħallas minn butu l-konvenut mill-istess benefikati u mobbli. Fil-każ odjern, m'għandniex il-preżunzJni legali msejsa mill-Artikolu 1321 tal-Kodiċi Ċivili, li kull ma nxtara fiż-żwieġ jappartjeni liż-żewġ partijiet b'mod ugwali.

Illi għalhekk in vista tan-nuqqas ta' provi rigward min ħallas għall-benefikati u għall-oġġetti mobbli, l-Qorti ma tistax tilqa' t-talba għall-assenjazzJni tagħhom.

Fir-rigward il-vettura Renault, mixtrija wara r-rikonċiljazzJni tal-partijiet, l-allegazzJni tal-konvenut li din inxtrat mill-flus tal-komunJni tal-akkwisti m'hijiex legalment fattibbli u għalhekk il-Qorti m'hijiex qed tieħu konjizzJni tagħha.

Rigward il-kontjiet bankarji, isegwi li kull parti hija s-sid tal-kontjiet intestati f'ismiha, sija l-attiv kif ukoll il-passiv. Illi jirriżulta li baqa' kont bankarju wieħed konġunt bejn il-partijiet li huwa flexicredit personal loan miżmum ma' HSBC Bank Malta p.l.c., innumerat 006-099469-300[87]. Illi dan is-self huwa intestat fuq iż-żewġ partijiet. Illi għalhekk il-preżunzJni legali msejsa mill-prinċipju tal-kompropjeta (u mhux mill-prinċipji emanenti mir-reġim matrimonjali) l-istess kont jappartjeni liż-żewġ partijiet fi kwoti ugwali bejniethom u għalhekk l-iżbilanċ li hemm fil-kont, għandu jitħallas b'mod ugwali miż-żewġ partijiet.

**<u>DEĊIDE</u>**

[87] Dok HSBC 3 - Statement tiegħu huwa esebit fol. 779

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara s-separazzJni personali bejn il-partijiet konjuġi B, bi ħtijiet imputabbli liż-żewġ partijiet;

[2] Tilqa' t-tieni talba tal-attriċi u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri J L u S J esklussivament f'idejn l-attriċi; b'dana illi kwalsiasi deċiżJni rigwardanti saħħa, edukazzJni, reliġJn, trobbija, safar tal-minuri, inkluż ħruġ u/jew tiġdid tal-passaport tal-minuri u b'mod ġenerali kull deċiżJni oħra rigwardanti l-minuri għandha tittieħed mir-rikorrenti weħidha mingħajr il-bżonn tal-awtorizazzJni u/jew il-kunsens tal-intimat.

[3] Tiċħad it-tielet talba f'dan l-istadju.

[4] Tilqa' limitatament ir-raba' talba attriċi b'dana illi tiċħad it-talba tal-attriċi għall-manteniment għaliha u għal iben il-partijiet T, iżda tilqagħha in kwantu titlob manteniment għall-minuri J L u S J u konsegwentement tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi is-somma ta' tliet mitt Ewro (€300) kull xahar komplessivament għaż-żewġ uliedu minuri, liema ammont jinkludi sehemu mill-ispejjeż tas-saħħa u tal-edukazzJni, u jista' jitħallas billi jinqata' direttament mis-salarju u/jew benefiċċji ipperċepiti mill-konvenut. Il-manteniment jiżdied kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja. Il-konvenut jibqa' jivversa lill-attriċi l-manteniment għal uliedhom J L u S J, oltre l-għeluq tat-tmintax-il sena tagħhom, sakemm dawna jibqgħu jistudjaw/jitħarrġu *full-time* jew sakemm jilħqu l-eta` ta' tlieta u għoxrin sena, skont liema tavvera ruħha l-ewwel. L-attriċi tirċievi kwalsiasi children's allowance, jew benefiċċju ieħor dovut għall-minuri, fl-ammont sħiħ.

[5] Tilqa' l-ħames talba attriċi billi tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-dispożizzJnijiet kollha tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili; tuża d-diskrezzJni tagħha ai termini tal-Artikolu 52 tal-Kodiċi Ċivili biex tapplika fil-konfront tal-attriċi l-effetti tad-dispożizzJnijiet kollha tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili;

[6] Tilqa’ s-sitt talba attriċi u tiddikjara illi l-fond 11, St. Jseph, Triq Leone, Sliema,  m’għandux jitqies iktar bħala d-dar matrimonjali tal-partijiet;

[7] Tilqa’ s-seba’ talba attriċi in kwantu tordna illi l-iżbilanċ pendenti fil-kont bankarju konġunt tal-partijiet mal-HSBC Bank Malta p.l.c. li huwa flexicredit personal loan innumerat 006-099469-300, għandu jitħallas b’mod ugwali miż-żewġ partijiet; iżda stante nuqqas ta’ provi tastjeni milli tiddividi u tassenja l-assi mobbli l-oħra akkwistati wara r-rikonċiljazzJni tal-partijiet.

Bl-ispejjeż ikunu sapportati in kwantu għal terz mill-attriċi u r-rimanenti żewġ terzi mill-konvenut.

Komunika:
Aġenzija Appoġġ – sabiex issegwi l-ordnijiet relattivi mal-kura u l-kustodja tal-ulied